MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1730/2001/1

***Strand Electronics Limited***

***Versus***

***Nicholsons the Supermarkets Limited* u *N. Ciantar and Sons Limited***

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex il-ħlas ta’ dak li tgħid li għandha tieħu mingħand il-konvenuti.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi kienet biegħet u ikkonsenjat merkanzija lill-konvenuti u għad fadlilha tieħu ħamest elef, mitejn u disgħa u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm5,239.47) illi l-konvenuti għadhom ma ħallsux. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuti biex iħallsu, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti, jew lil xi waħda minnhom, iħallsuha ħamest elef, mitejn u disgħa u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm5,239.47) flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż.

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, bil-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti, b'dikriet tas-7 ta' Frar 2002[1], ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni illi ma għandhomx jagħtu dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi għax kienu għamlu ħlas ta' erbat elef u mitt lira (Lm4,100), u l-bqija tas-somma mitluba hija għal servizzi li ma ngħatawx.

Mix-xhieda ħareġ illi s-soċjetà attriċi kienet qabbdet lil ċertu Yosé Buttigieg bħala mandatarju tagħha biex jiġbrilha dak li kellha tieħu mingħand il-konvenuti. Buttigieg ġabar erbat elef u mitt lira (Lm4,100) li minnhom elf mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm1,175) biss iddaħħlu bħala kreditu fil-kont tal-konvenuti. Għalhekk, il-bilanċ mitlub mis-soċjetà attriċi għandu jonqos b'elfejn, disa' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm2,925)[2], u jinżel għal elfejn, tliet mija u erbatax-il lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm2,314.47)[3].

Fil-fatt is-soċjetà attriċi b'nota tat-18 ta' Lulju 2003[4] naqqset it-talba tagħha għal elfejn, tliet mija u erbatax-il lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm2,314.47).

Il-mandatarju tas-soċjetà attriċi xehed, iżda, illi l-konvenuti ħallsu dak kollu li s-soċjetà attriċi kellha tieħu mingħandhom[5]. Il-konvenuti, fil-fatt, qegħdin igħidu fit-tieni parti ta' l-eċċezzjoni tagħhom illi l-bqija tat-talba tas-soċjetà attriċi hija għal servizzi li s-soċjetà attriċi ma tathomx.

Tassew illi, xi żmien wara li kien ġabrilha l-flus mingħand il-konvenuti, kien inqala' diżgwid bejn is-soċjetà attriċi u l-mandatarju tagħha, tant illi xi flus li ġabar mingħand il-konvenuti baqa' ma għaddihomx lill-attriċi. Għalhekk jista' jkun illi l-bqija tad-dejn huwa għal servizzi jew merkanzija li ngħataw wara li nqala' dan id-diżgwid u għalhekk il-mandatarju ma jafx bihom.

---

[1] *Fol.* 75.

[2] Lm4,100 - Lm1,175 = Lm2,925.

[3] Lm5,239.47 - Lm2,925 = Lm2,314.47.

[4] *Fol.* 118.

[5] Ara x-xhieda ta' Yosé Buttigieg fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002, *fol.* 71.

Min-naħa l-oħra, il-qorti taraha ħaġa stramba illi s-soċjetà attriċi, wara li qabbdet mandatarju, li huwa *debt collecting agent*, biex jiġbor djun mingħand il-konvenuti, preżumibbilment għax il-konvenuti ma kinux qegħdin iħallsu, kienet sejra tkompli tkabbar id-dejn meta d-dejn ta' qabel ma kienx tħallas kollu.

Huwa minnu illi s-soċjetà attriċi esebiet estratt mill-kotba tal-kummerċ tagħha illi, skond il-liġi, iservu bħala prova wkoll favur tagħha[6], iżda l-mandatarju tagħha xehed illi s-soċjetà attriċi kellha "tgerfix" fil-kotba tagħha[7] u l-qorti — wara li qieset illi l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attriċi, u wara li qieset ukoll illi l-fatt illi l-attriċi fetħet il-kawża għal ħamest elef, mitejn u disgħa u tletin lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm5,239.47) biex imbagħad naqqset it-talba għal elfejn, tliet mija u erbatax-il lira u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm2,314.47) għax ma qisitx ħlasijiet li sarulha qabel ma nfetħet il-kawża, huwa prova oħra tat-"tgerfix" imsemmi mill-mandatarju tagħha — hija tal-fehma illi ma tistax toqgħod fuq il-kotba ta' l-attriċi.

Fil-fehma tal-qorti, għalhekk, lill-attriċi ma seħħilhiex li tagħmel il-prova tad-dejn.

Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

6 Art. 2, Kod. Kumm.

7 Ara x-xhieda ta' Yosé Buttigieg fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2002, *fol.* 74.